Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

N°: 08/15

**AVVIŻI**

**13 ta' Diċembru 2015**

Illum ssir iċ-Ċelebrazzjoni djoċesana tal-ftuħ tal-Ġublew tal-Ħniena fil-5.30pm fil-Katidral tal-Imdina. Huwa żmien biex niftħu qalbna għall-imħabba ħanina tal-Missier.

It-tfal kollha li jieħdu sehem fl-attivitajiet marbutin mal-parroċċa għadu jkollhom il-kunsens tal-ġenituri, għalhekk il-ġenituri kollha għandhom iwasslu n-nota tal-kunsens (*consent form*) li tqassmet lit-tfal sal-15 ta' Diċembru. Jekk xi ħadd għadu ma irċeviex dil-formola jista' jieħu kopja mis-sagristija.

Minn nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru tibda n-Novena bi tħejjija għall-Milied fil-quddiesa tas-6.15pm. Fil-ġimgħa tan-novena t-tfal kollha li s-soltu jattendu għall-katekeżi fiċ-Ċentru u fil-MUSEUM jieħdu sehem fil-quddiesa tan-novena. Minn jista' joffri trasport (anki jekk mhux kuljum) lil xi anzjani li mgħandhomx min iwassalhom għan-novena għandu jkellem lil kappillan.

Nhar il-Ħamis 17 ta' Diċembru fil-quddiesa tan-novena sa jkollna magħna lis-sorijiet Ursolini ta' Angela House, Gwardamanġa li kellhom ikunu magħna xi ġimgħat ilu iżda kellhom jibdlu d-data minħabba impenji oħra.
Iż-żmien tal-avvent jiftħilna qalbna biex naqsmu l-ġid li l-Mulej ipprovdielna u għalhekk sa ngħaddu lil din il-komunità l-għotjiet ta' ikel li f'dawn l-aħħar ġimgħat ħallejtu fil-qfief ta' ħdejn il-bibien tal-Knisja.

Bħas-soltu sa jsir *Christmas Breakfast* wara l-quddiesa tal-lejl tal-Milied fiċ-Ċentru Parrokkjali. Żammejna l-prezz baxx biex kulħadd ikun jista' jieħu sehem. Din għandha tkun okkazzjoni li tkompli tgħaqqadna bħala familja fil-Mulej Ġesù. Bookings fis-sagristija jew fuq in-numri tat-telefon li jidhru fil-posters.

Nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru sa jsir il-party tal-milied għat-tfal kollha tal-parroċċa bejn id-9am u nofsinhar. Kulħadd mistieden imma hu meħtieġ il-booking minn qabel. Mhux sa jkun mitlub ħlas imma min jixtieq jista' jagħmel donazzjoni biex jittaffew l-ispejjeż tal-istess okkazzjoni.